MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 44/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Muscat**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mark Muscat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Lulju 2010, Awwissu 2010 u Settembru 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Carmen Muscat u/jew lil uliedhom is-somma fil-gimgha ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak [il-jum] li fih

skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-24 ta’ Jannar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-imsemmi Mark Muscat, u wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabitu hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu xahar detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Mark Muscatipprezentat fl-1 ta’ Frar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu ghall-htija u thassarha u tirrevokaha billi tapplika piena anqas harxa;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan huwa appell mill-piena peress illi l-appellant ihoss illi l-ewwel Qorti kienet severa wisq meta applikat piena ta’ detenzjoni meta setghet applikat multa. L-appellant jghid illi huwa qieghed jaghmel pagamenti li huma ferm u ferm iktar mill-manteniment li hu dovut lil martu. Jghid illi qieghed ihallas kwazi €2,000 fix-xahar f’*loans* sabiex il-kredituri ma jmissux il-gid appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti. Anke martu qablet li piena karcerarja hija odjuza fic-cirkostanzi.

**6.** Issa, fil-mori ta’ dan l-appell, kif gie verbalizzat fis-seduta tallum, l-appellant u martu ffirmaw kuntratt fejn ftehmu dwar il-pendenzi kollha taghhom u ghalhekk martu ma baqaghlhiex aktar interess f’din il-kawza. Naturalment, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Izda, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni**

**fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.”**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**6.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu ghall-htija izda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar detenzjoni u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien tliet xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------